Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 22/2014

**James Brian O'Rourke (appellat)**

**vs**

**Raymond Gauci (appellant)**

30 ta' Jannar 2017

## Il-Qorti:

Rat **l-Avviz ta' l-Arbitragg tar-rikorrent James Brian O'Rourke tal-14 ta' Mejju 2012** prezentata quddiem Tribunal tal-Arbitragg permezz ta' liema huwa talab il-hlas ta' erbat elef disa' mija u tmienja u tletin Ewro u erbatax il-centezmu (€4938.14,0) bhala danni wara li hajt mibni fuq proprjeta' tal-intimat, li jservi sabiex jifred l-art mit-triq, waqa' fuq il-vettura tieghu nhar is-6 ta' Jannar 2012 gewwa Triq il-Qortin il-Mellieha. Din il-vettura numru ta' registrazzjoni 02-L-1863 garrbet diversi hsarat. Ir-rikorrent isostni li l-intimat huwa unikament responsabbli ghall-akkadut bhala proprjetarju tal-hajt in kwistjoni u ghalhekk ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni kagunati lir-rikorrent.

Rat **ir-Risposta tal-intimat Raymond Gauci**[1] permezz ta' liema huwa eccepixxa illi (i) ma huwhiex minnu li l-intimat ikkawza xi danni lir-rikorrent; (ii) il-hajt in kwistjoni kien mibni skont is-sengha u l-arti; (iii) dakinhar tas-6 ta' Jannar 2012 kien ghamel maltemp u rih konsiderevoli ma' Malta kollha u fil-Mellieha in partikolari; (iv) jispetta lir-rikorrent igib prova dwar min hu propretarju tal-hajt u min bena l-istess; (v) jispetta lir-rikorrent igib prova tad-danni allegatament sofferti minnu; (vi) it-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-intimat m'ghandux iwiegeb ghad-danni allegatament sofferti mir-rikorrent; (vii) minghajr pregudizzju, l-incident in kwistjoni kien frott *act of God* u element ta' *casus*; (viii) minghajr pregudizzju, il-*quantum* tad-danni pretizi mhuwhiex gustifikat u huwa eccessiv.

Rat **is-sentenza tat-Tribunal tal-Arbitragg tat-12 t'Awissu 2014** li ddecidiet hekk:

*"Ghal dawn il-motivi l-Arbitri jiddeciedu dawn il-proceduri billi, jiddikjaraw lill-intimat unikament responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti konsegwenza tal-incident relattiv u*

[1] Fol 9-12.

*konsegwentement jikkundannaw lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' erbghat elef disa' mija u tmienja w tletin Ewro w erbatax-il centezmu (€4,938.14c), rapprezentanti d-danni kkawzati mill-intimat lir-rikorrenti, konsegwenza tal-incident relattiv. L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-intimat."*

Dan wara li l-istess Tribunal ghamel kunsiderazzjonijiet ta' natura kemm teknika kif ukoll legali. Ghar-rigward ta' <u>kunsiderazzjonijiet ta' natura teknika</u>, l-espert tekniku mahtur mit-Tribunal ikkonstata li:

i. Il-mertu jitratta inċident li seħħ fis-6 ta' Jannar 2012, fejn kien ikkollassa ħajt fil-propjeta` tal-intimat għal fuq vann propjeta tar-rikorrent li kien jinsab ipparkjat fit-triq;

ii. Dan il-ħajt kien jissepara l-plot mhux mibni tal-intimat minn Triq il-Qortin min-naħa tal-Lvant, liema triq taqleb b' żewġ filati 'l isfel lejn in-Nofsinhar. Il-plot tal-intimat għandu wkoll faċċata fuq Triq Birwina mill-Punent, liema triq tinsab f' livell aktar baxx minn Triq il-Qortin. Bejn il-ħajt u l-vann kien hemm ukoll bankina wiesgħa 1.2 metri. Il-lok fejn jinsab dan il-ħajt huwa pjuttost elevat u espost għall-elementi;

iii. Dan il-ħajt kien mibni bi brikks tas-singlu b'tul ta' madwar 15-il metru (mibni bejn żewġt propjetajiet ta' terzi, mibnija fuq kull naħa) li kien għoli bejn sitta u sebgħa filati 'l fuq mill-bankina u kien jinkludi serje ta' ħames pilastri tal-brikks wisgħin 0.46 metri fuq in- naħa ta' ġewwa li wieħed minnhom kien imiss mal-bini ta' terzi li hemm lejn in-Nofsinhar. F'parti żgħira mill-ħajt fin-naħa ta' isfel lejn in-naħa tan-Nofshinar kien hemm ukoll xi knatan tal-ġebel. Dan il-ħajt kien jinkludi wkoll pedament tad-dobblu tal-ġebel taħt il-livell tal-bankina;

iv. Fl-inċident fil-kwistjoni, il-ħajt kollu - mill-wiċċ tal-bankina 'l fuq - waqa' għal fuq Triq il-Qortin, ħlief għall-ewwel żewġ filati tal-pilastri li baqgħu weqfin fil-post, bil-konsegwenza li parti minn dan il-ħajt laqtet il-vann tar-rikorrent numru ta' reġistrazzjoni '02-L-I863' li kien ipparkjat fit-triq;

v. Jirriżulta illi dakinhar tal-inċident, kienet seħħet maltempata qawwija fuq il-gżejjer Maltin, fejn kien qed jonfoħ riħ qawwi mill-Punent b'wind gusts ta' 96.5km/h jew 52 knots (Dok. 'JEV/5'), liema riħ kien qed jeżerċita ċerta forza eżattament kartabun mal-ħajt fil-kwistjoni bil-konsegwenza li dan il-ħajt inqaleb 'il barra u kkollassa għal fuq il-bankina u parti mit-triq fejn kien hemm ipparkjat il-vann tar-rikorrent;

vi. Għalkemm jirriżulta illi dan ir-riħ kien ta' ċertu qawwa, jidher li kien hemm numru ta' defiċjenzi fil-kostruzzjoni ta' dan il-ħajt, li rriżultaw fil-kollass tal-istess ħajt;

vii. Il-konkluzjoni tal-espert tekniku kienet li l-kollass tal-hajt in kwistjoni sehh minhabba li ma kienx kostruwit skont is-sengha u l-arti. Dan minbarra li kellu nieqsa wkoll rekwiżiti oħra partikolari tenut kont in-natura u l-lok fejn jinsab l-istess ħajt.

Ghar-rigward ta' <u>kunsiderazzjonijiet ta' natura legali</u>, gie kkonstatat illi:

i. Inkwantu ghad-difiza tal-intimat, illi dak inhar tal-incident kien ghamel rih u maltemp konsiderevoli u li l-incident relattiv sehh minhabba ragunijiet li ma kinux attribwibbli lilu, jigi rilevat illi sabiex tali difiza tkun ta' success, huwa mhux biss htieglu jipprova l-entita` straordinarja ta' tali maltemp, izda ried ukoll jipprova li huwa b'ebda mod ma kkontribwixxa ghall-incident u cjoe` li huwa ma setax ragonevolment jiehu prekawzjonijiet ulterjuri biex jigi evitat tali incident;

ii. Huwa ammess mill-intimat waqt ix-xhieda tieghu, illi l-hajt li waqa' fuq il-vettura tar-rikorrenti, huwa propjeta` tal-istess intimat, liema hajt inbena mill-intimat u mill-bennej Saviour Borg, sabiex l-intimat jaghlaq l-access mit-triq ghall-propjeta` tieghu;

iii. Skond l-artikolu 1032 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta; "Jitqies fi htija kull minn fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja." Il-gurisprudenza tghallem li biex tirnexxi d-difiza tal-kaz fortuwitu, mhux bizzejjed li jkun hemm grajja mhux tas-soltu, sproporzjonata, u li tigri mill-forzi tan-natura, imma jehtieg li din tkun inevitabbli, b'mod li ma tistax tigi evitata bid-diligenza ordinarja tal-*bonus pater familias*. Min jallega cirkostanza bhal din, jaqa' fuqu l-piz li jippruvaha;

iv. Fid-dawl tal-konkluzzjonijiet teknici milhuqa, ma jista` jkun hemm l-ebda konkluzjoni legali ohra, ghajr illi l-incident relattiv sehh minhabba tortijiet u nuqqasijiet attribwibbli lill-intimat u konsegwentement, l-intimat ghandu jigi ritenut responsabbli ghad-danni kkaggunati fil-vettura Nissan Navara (Reg. 02-L-1863), propjeta` tar-rikorrenti, b'rizultat tal-incident in kwistjoni;

v. Dwar l-ammont tad-danni mitlub mir-rikorrenti, huwa xehed illi kien ghadu ma sewwiex il-vettura relattiva, izda ressaq diversi xhieda fir-rigward tal-ammont mitlub minnu permezz tal-proceduri odjerni. Minn naha l-ohra, dwar l-aspett ta' *pre-accident value*, l-intimat semplicement strah fuq ix-xhieda ta' siehbu Saviour Borg, li qal li l-mechanic ta' Borg kien allegatament qallu li vettura, bhala ma kienet dik tar-rikorrenti, ma kienitx tiswa iktar minn €1,500. Wiehed hawn irid jikkunsidra, kemm illi tali *mechanic*, anqas biss kien ra l-imsemmija vettura u partikolarment illi zgur illi dan ma kienx l-ahjar mezz disponibbli ghall-intimat biex jipprova jikkontradixxi jew ixejjen il-provi mressqa mir-rikorrenti dwar il-quantum. Ghalhekk, mill-aspett legali, certament illi ma jistax jigi ritenut illi l-intimat irnexxielu jiskossa l-provi mressqa mir-rikorrent;

vi. Fir-rigward tal-istima tal-*parts* inkluza fir-rapport ta' Natalino Agius imressaq mir-rikorrent, jirrizulta illi tali stima ma' tissuperax il-prezz tal-parts ikkwantifikat minnu,

w inoltre, l-intimat ikkonferma li ma kienx hemm il-htiega li rapprezentant ta' Nissan Motors jikkonferma l-awtenticita` ta' tali stima. Lanqas l-istima dwar il-*panel-beating* mahruga minn Rene` Nappa, ma hija inferjuri ghall-prezz relattiv indikat minn Natalino Agius fir-rapport tieghu. Similment, l-istima dwar l-*ispray painting* mahruga minn Paul Mallia, hija skond il-prezz relattiv, indikat mis-sur Agius fir-rapport tieghu;

vii. Ghaldaqstant jirrizulta illi l-*quantum* mitlub mir-rikorrenti gie ppruvat permezz tax-xhieda ta' persuni kompetenti fil-qasam in kwistjoni u kosegwentement anke dan l-aspett jirrizulta ppruvat u bhala tali ghandu jigi milqugh.

L-intimat appella mid-decizjoni quddiem din il-Qorti u ressaq zewg aggravji. Ir-rikorrent wiegeb[2]. Waqt is-seduta tat-12 t'Ottubru 2016[3] dehru d-difensuri tal-partijiet u saret trattazzjoni.

Il-Qorti qrat l-atti.

**L-ewwel aggravju: Nullita' tal-lodo arbitrali.**

Fil-fehma tal-appellant id-decizjoni tat-Tribunal hi nulla ghaliex ma nghatatx biss minn Dr Lennart Depasquale bhala l-uniku arbitru mahtur bi qbil bejn il-partijiet, izda wkoll mill-perit Alan Saliba li l-hatra tieghu kienet limitata biss ghal assistenza teknika lit-Tribunal. Skont l-appellant dan wassal ghall-anomalija li perit tekniku rrimpjazza l-arbitru mahtur mill-partijiet, filwaqt li l-arbitru nnifsu abdika l-gudizzju tieghu ghal dak tal-perit tekniku. L-aggravju jestendi wkoll ghall-ilment li l-konstatazzjonijiet peritali kellhom ikunu disponibbli ghall-partijiet qabel l-ghoti tad-decizjoni finali sabiex ikun hemm l-opportunita' ghal domandi in eskussjoni. Dan mhux talli ma sarx, jghid l-appellant, talli Dr Depasquale rrinunzja ghall-poter u d-diskrezzjoni li, jekk hekk jidhirlu, ma jikkondividix mal-opinjoni tal-espert il-ghaliex dak li kellu jkun perit tekniku gie elevat ghal arbitru.

Min'naha tieghu ir-rikorrent appellat jirribatti li l-aggravju huwa nfondat ghax l-appellant naqas li jressaq l-ilmenti tieghu fil-mument propizju skont ir-regoli procedurali tat-Tribunal.

Mill-atti jirrizulta li:-

i. Fl-Avviz tal-arbitragg mandatorju quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent kien ippropona li l-arbitragg ghandu jkun maghmul minn arbitru wiehed u rrakomanda lil Dr Lennart Depasquale bhala arbitru[4];

[2] Fol 11 *et seq*.

[3] Fol 30.

[4] Taqsima A punt numru 4.

ii. Fir-risposta tieghu l-intimat qabel mar-rakkomandazzjoni[5];

iii. In vista ta' dan il-qbil bejn il-partijiet, fl-4 ta' Gunju 2012 Dr Lennart Depasquale gie appuntat bhala l-arbitru biex jisma' u jiddeciedi din l-vertenza[6];

iv. Waqt is-seduta tat-22 ta' Mejju 2013, li ghaliha kienu prezenti r-rikorrent debitament assistit kif ukoll id-difensur tal-intimat, gie verbalizzat:

*"Id-difensuri tal-partijiet jaqblu illi jigi mahtur il-perit Alan Saliba bhala espert tekniku sabiex jirrelata dwar l-aspetti teknici tal-vertenza odjerna.*

***L-Arbitru jilqa' t-talba".***

L-aspett tekniku kien evidentement dwar jekk il-hajt li ggarraf kienx inbena mill-intimat (appellant) skont is-sengha u l-arti. Dan peress li fir-risposta, l-appellant kien iddikjara li *"Il-hajt in kwistjoni kien mibni kit titlob is-sengha u l-arti", u "Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-incident in kwistjoni kien frott act of god u element ta' casus".*

v. Fit-23 ta' Mejju 2013 il-perit Saliba gie formalment infurmat bin-nomina tieghu bhala espert[7]. Fl-email li ntaghatet mill-arbitru jinghad:

*"Naghmel riferenza ghall-proceduri arbitrali fuq imsemmija, li fihom jiena qieghed Arbitru.*
***Int gejt nominat bhala espert tekniku sabiex tirrelata dwar l-aspetti teknici relatati mal-vertenza relattiva bejn il-partijiet.***
*Nitolbok tikkonfermali jekk ghandekx pjacir taccetta tali nomina, sabiex inkun nista' nipprovdilek kopja tat-traskrizzjonijiet tax-xhieda relattiva u nghaddilek l-original tar-rapport peritali u r-ritratti ezibiti mill-partijiet".*

Fl-avviz ma jinghadx li l-perit Saliba kien inhatar bhala wiehed mill-membri tat-Tribunal tal-Arbitragg.

vi. Id-dikjarazzjoni li ffirma l-perit Saliba fic-Centru tal-Arbitragg fit-12 ta' Gunju 2013 hija dwar accettazzjoni ghal hatra ta' Arbitru[8]. Fil-fatt fiha jinghad: *"I Perit Alan Saliba hereby accept to be appointed Arbitrator in the dispute between - (Arbitration Case No. M3138/2012)".*

---

[5] Taqsima F.

[6] Fol 14.

[7] Fol 59.

[8] Fol 63.

vii. Gie ffissat access fuq il-post tal-incident ghat-3 ta' Frar 2014[9] li ghalih kienu prezenti l-perit tekniku u l-partijiet debitament assistiti. Il-perit tekniku ha konjizzjoni tal-aspetti teknici relattivi. Kompla jixhed l-intimat in kontro-ezami. Dakinhar stess il-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx provi ohra x'iressqu u kellha tigi ffissata seduta ghat-trattazzjoni;

viii. It-trattazzjoni orali mid-difensuri tal-partijiet saret fil-bini tal-Qorti fid-19 ta' Frar 2014[10]. Fil-verbal jinghad: *"Id-difensuri tal-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet finali quddiem iz-zewg Arbitri w awtorizzawhom ighaddu ghar-rapport"*.

ix. Il-lodo arbitrali inghata fit-12 t'Awissu 2014 u gie ffirmat mill-Perit Alan Saliba bhala *"Arbitru Tekniku"* u mill-Av. Lennart Depasquale bhala *"Arbitru Legali"*.

Skont l-Att dwar l-Arbitragg (Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta), it-Tribunal tal-Arbitragg jista' jmexxi l-vertenza quddiemu b'dak il-mod li jidhirlu xieraq[11]. F'dan il-kaz il-perit Saliba inhatar bhala espert tekniku (artikolu 39 tal-Kap. 387). Fil-verbal tat-22 ta' Mejju, 2013 ma jinghadx li l-perit Saliba inhatar bhala wiehed mill-Arbitri izda bhala espert tekniku. Tant in-nomina tieghu ma kinitx bhala arbitru fit-Tribunal tal-Arbitragg li fil-verbal tat-22 ta' Mejju, 2013 inghad:

***"Il-partijiet jaqblu wkoll illi l-kontro-ezami ulterjuri tal-intimat issir <u>wara li tigi pprezentata r-relazzjoni tal-perit tekniku</u>".***

Mit-twegiba stess tal-appellat hu evidenti li m'hemmx kontestazzjoni li l-perit Saliba ma kienx arbitru[12]. Hu veru li l-perit Saliba kien ghamel dikjarazzjoni li ssir minn arbitru (ara artikolu 23 tal-Kap. 387), madankollu dan kien zbaljat in kwantu ma kienx membru tat-Tribunal tal-Arbitragg. Dan apparti li kif osserva l-appellant, skont Part B tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387, *"2. The arbitral tribunal shall be composed of one arbitrator unless the parties agree that it shall be composed of three arbitrators and notify the Centre within thirty days of the receipt by the respondent of the notice of arbitration"*. Ghalhekk f'arbitragg mandatorju mhuwiex possibbli li t-Tribunal ta' Arbitragg ikun kompost minn zewg arbitri.

Mill-istess decizjoni hu evidenti li nghatat mill-perit Saliba u l-avukat Depasquale bhala arbitri, meta l-arbitru kien **<u>biss</u>** l-avukat Dr Lennart Depasquale. Tant hu hekk li hi ffirmata wkoll mill-

---

[9] Fol 6.

[10] Pagna 12 tad-decizjoni arbitrali.

[11] Art 45 (4) tal-Att.

[12] L-appellat argumenta, *"Ghandha tidher lampanti d-dissonanza bejn l-ilment mressaq b'dan l-aggravju u l-fatt li fi Frar 2014 kienet saret trattazzjoni tal-kaz. Implicitament, l-imsemmija trattazzjoni turi li l-appellant kien komdu jikkonkludi l-vicenda u jhalli l-procediment ghad-decizjoni. Kien komdu wkoll li **ma jaghmilx domandi lill-indikat espert. Kien komdu li l-Arbitru u l-espert tekniku jimxu minn dak l-istadju ghall-lodo arbitrali, minghajr htiega ta' interventi processwali ulterjuri**"*.

perit Saliba bhala *'Arbitru Tekniku'*. Il-perit Saliba ddecieda dik il-parti tal-vertenza li titratta l-aspett tekniku. Fil-fatt f'paragrafu 7 tad-decizjoni jinghad: ***"Konsiderazzjonijiet ta' natura teknika (da parti tal-Perit Arkitett Alan Saliba)"*** u fil-parti konklussiva jinghad:

*"Ghalhekk nikkonkludi illi l-hajt in kwistjoni, ikkollassa billi ma kienx kostruwit kif titlob l-arti u s-sengha, minbarra li kellu nieqsa wkoll rekwiziti ohra partikolari tenut kont in-natura u l-lok fejn jinsab l-istess hajt".*

L-appellat ghamel riferenza ghall-artikolu 42 tal-Kap. 387 li jipprovdi:

*"Meta xi parti tkun taf li xi disposizzjoni ta', jew htiega bis-sahha ta', din it-Taqsima ma tkun tharset u madankollu tkompli ghaddejja bl-arbitragg minghajr ma tiddikjara minnufih l-oggezzjoni taghha ghal dak in-nuqqas ta' tharis, dik il-parti ghandha titqies li tkun warrbet il-jedd taghha li taghmel oggezzjoni".*

Dik id-disposizzjoni setghet kienet rilevanti ghal fatt li ma gietx segwita l-procedura kontemplata fl-artikolu 39(3) u (4) tal-Kap. 387. Pero ma kinitx rilevanti fir-rigward tal-ilment tal-appellant li d-decizjoni nghatat ukoll mill-perit tekniku li ma kienx arbitru fit-Tribunal tal-Arbitragg. Hu evidenti li l-appellant sar jaf x'gara meta gie ppubblikat l-*award* u minn fejn jirrizulta li d-decizjoni nghatat ukoll mill-perit tekniku.

Fil-fehma tal-qorti d-decizjoni fiha difett li mhuwiex sanabbli. It-Tribunal tal-Arbitragg kien kompost minn arbitru wiehed u d-decizjoni kellha tinghata minnu u **<u>hadd iktar</u>** (artikolu 44 tal-Kap. 387). Haga li ma gratx f'dan il-kaz ghaliex l-award inghata wkoll mill-espert tekniku li n-nomina tieghu kienet sabiex jaghti opinjoni dwar materja ta' natura teknika u qatt ma kellu jkun parti mill-istess Tribunal. Dan ifisser li d-decizjoni nghatat minn Tribunal ta' Arbitragg li ma kienx kompost skont il-ligi.

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tilqa' l-ewwel aggravju.**
2. **Thassar l-*arbitration award* tat-12 ta' Awissu 2014.**
3. **Tibghat l-atti lura lic-Centru tal-Arbitragg sabiex jinhatar arbitru iehor u jissokta bis-smiegh tal-kaz, u bil-fakolta li jahtar espert tekniku *ai termini* tal-artikolu 39 tal-Kap. 387 sabiex jaghti parir tekniku dwar jekk il-hajt kienx mibni skont is-sengha u l-arti[13].**
4. **Spejjez relatati mal-appell jibqghu bla taxxa in kwantu hu evidenti li dak li sehh kien frott ta' zball li hadd mill-partijiet ma kellu tort ghalih.**

**Tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat lura l-atti lic-Centru tal-Arbitragg.**

Anthony Ellul.

[13] Ovvjament dan peress li l-perit Saliba diga' esprima ruhu.